**NOTA PASTORALI**
**TA' L-ARĊISQOF TA' MALTA U L-ISQOF TA' GĦAWDEX**
**DWAR IR-RIŻULTAT TAĊ-ĊENSIMENT**
**TAL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-QUDDIESA TAL-ĦADD**

Bħar-Ragħaj it-Tajjeb li jfittex li jagħraf in-nagħaġ tiegħu (Ġw 10.14), aħna l-Isqfijiet, li l-Mulej qegħidna bħala ragħajja spiritwali tal-poplu ta' Alla f'dawn il-gżejjer, ma nehdewx infittxu nkunu nafu aktar mill-qrib l-aħwa afdati fil-kura pastorali tagħna.

Hija xewqa tagħna li naraw l-aħwa kollha miġbura ħaġa waħda, taħt ragħaj wieħed li hu Kristu; u lil dawk li tbegħdu, inħossuh dmir tagħna li mmorru warajhom sa ma nsibuhom biex imbagħad nifirħu bihom u flimkien nagħmlu festa (ara Lq 15,4-7).

Aħna nqisu ċ-ċensiment tal-Quddiesa tal-Ħadd li l-Knisja f'pajjizna wettqet f'Novembru 2005 bħala wieħed mill-eżerċizzji li jgħinuna fil-ministeru tagħna bħala ragħajja. Ir-riżultat ta' dan iċ-ċensiment jindika xi dwal u dellijiet li hemm fil-Knejjes tagħna.

**Fatt pożittiv**

Il-fatt li għandna 52.6% tal-poplu Malti u Għawdxi li nhar ta' Ħadd jiċċelebra l-Ewkaristija huwa minnu nnifsu fatt pożittiv, iktar u iktar meta jiġi mqabbel ma' l-esperjenza li qed ikollha l-Knisja f'pajjizi oħra fl-Ewropa. Meta wieħed jikkunsidra kif inbidlu l-kundizzjonijiet soċjali u kulturali ta' ġensna f'dawn l-aħħar snin, inħossu li għandna nroddu ħajr lil Alla li nofs il-poplu tagħna jiċċelebra Jum il-Mulej billi jiehu sehem fil-Quddiesa. Il-fatt li kwazi 10% tal-popolazzjoni fi tmiem il-ġimgħa ħadu sehem f'żewg Quddisiet, ifisser li għandna numru konsiderevoli ta' kattoliċi li, għax jemmnu li l-Quddiesa hija l-aqwa talba, ma jħarsux lejn il-Quddiesa tal-Ħadd bħala sempliċi obbligu li jrid jitwettaq. Sinjali oħrajn ta' inkoraġġiment li joħorġu minn din ir-riċerka huma l-importanza tal-familja fil-ħajja tal-Knisja u fil-ħajja ta' l-insara, u l-kontribut kbir li qed jagħtu l-Movimenti u l-Għaqdiet ekkleżjali fil-formazzjoni tal-fidi tal-kattoliċi ta' pajjiżna.

**Fatt ta' tħassib**

Min-naħa l-oħra, ma nistgħux naħbu t-tħassib tagħna meta naraw li minn meta sar l-aħħar ċensiment tal-Quddies tal-Ħadd għaxar snin ilu, in-numru ta' dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa naqas bi kwazi 11%. Dan ifisser li għandna ħafna aħwa li m'humiex jifhmu l-valur tal-Quddiesa tal-Ħadd fil-ħajja tal-komunita' nisranija u fil-ħajja personali tan-nisrani. Għandna wkoll oħrajn li għandhom xi ħaġa li timpedihom milli jingħaqdu mal-komunita' nisranija fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika fil-Jum tal-Ħadd. Dan ma jfissirx li dawk li ma jmorrux l-Quddiesa tal-Ħadd huma nies li tilfu l-fidi jew infatmu mill-Knisja. Għalkemm l-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd hija sinjal ewlieni tas-sehem tan-nisrani fil-ħajja tal-fidi u tal-Knisja, jeżistu espressjonijiet oħra tal-fidi u ta' rabtiet mal-Knisja. Biżżejjed insemmu kemm hija qawwija t-talba tal-ġenituri biex uliedhom jirċievu s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija. Huma ħafna dawk li jfittxu l-faraġ tal-Knisja fil-mard, kif ukoll fl-eventwalita' tal-mewt. Nifhmu li dan biss m'huwiex biżżejjed; imma fl-istess ħin lanqas nistgħu nittraskuraw l-indikazzjonijiet li joħorġu minn dawn l-esperjenzi!

**Fenomeni li jitlolbu studju**

Bħala ragħajja nħossu li dan iċ-ċensiment m'għandux ikun l-aħħar kelma fuq il-ħajja tal-Poplu ta' Alla f'pajjizna, imma hemm bżonn li jkun segwit b'riċerka oħra li tgħinna nifhmu aktar ir-raġunijiet wara dawn il-fenomeni fil-ħajja ekkleżjali. Analisi responsabbli ta' dawn ir-raġunijiet hija meħtieġa biex inkunu nafu aktar u aħjar lill-poplu tagħna, u nifhmu għaliex ma kienux preżenti mal-bqija tal-komunita' għall-Quddiesa tal-Ħadd. Din l-analisi tgħinna wkoll

nagħmlu eżami aħjar tagħna nfusna biex naraw jekk bħala Knisja aħniex qegħdin niċċelebraw l-Ewkaristija tal-Ħadd b'tali mod li l-Ewkaristija tinħass u tkun tassew il-qalba tal-ħajja ta' l-insara fil-Jum tal-Ħadd. Aħna nemmnu tassew li l-Ewkaristija hija "l-għajn tal-ferħ li għandna bżonn"; għalhekk "ilkoll kemm aħna jeħtieġ nagħrfu aktar fil-fond xi tfisser l-Ewkaristija, jeħtieġ nitgħallmu nħobbuha iżjed" (Papa Benedittu XVI, Omelija liż-Żgħażagħ, Koln, 21/08/05).

**Mument ta' grazzja**

Aħna nħossu li dan iċ-ċensiment joffri opportunita' lill-Knisja f'pajjiżna. Per eżempju, madwarna ninnutaw ħafna sinjali ta' reliġjożita' popolari qawwija li faċilment tista' tagħti impressjoni li aħna poplu ta' fidi kbira. Ir-riżultat taċ-ċensiment juri fejn verament qegħdin u liema azzjoni pastorali hija l-aktar meħtieġa l-lum. Għalhekk, jidhrilna li dan huwa mument ta' grazzja biex, bħala operaturi pastorali, aktar nikkonvinċu ruħna kemm hija urġenti ħidma ta' evanġelizazzjoni u ta' katekeżi, speċjalment mal-ġenerazzjoni ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna. Is-sagramenti huma importanti ħafna fil-ħajja tan-nisrani, imma dawn jeħtieġu preparazzjoni kateketika tajba biex ma jkunux biss ċelebrazzjoni superfiċjali ta' mument fil-ħajja nisranija. Ir-riżultat taċ-ċensiment juri li persuna minn kull ħamsa li jattendu l-Quddiesa tal-Ħadd huma membri f'xi għaqda reliġjuża. Għalina dan ir-riżultat jikkonferma li fejn hemm mixja ta' formazzjoni kontinwata, ħajja ta' talb u esperjenza ta' Knisja fi gruppi żgħar, in-nisrani jimmatura aktar fil-fidi u jħossu aktar imħeġġeġ biex kull nhar ta' Ħadd jingħaqad mal-bqija tal-komunita' parrokkjali biex jiċċelebra l-Ewkaristija. Il-komunita' parrokkjali għandha tkun l-komunita' privileġġjata li fiha jinġabru l-komunitajiet ż-żgħar l-oħra li jkun hemm fi ħdanha biex flimkien jiċċelebraw l-Ewkaristija tal-Ħadd.

L-istess liturġija li niċċelebraw għandha tkun kanal privileġġjat li minnu Alla jasal għand il-bniedem u l-bniedem jasal għand Alla. Meta l-liturgija tkun iċċelebrata sewwa, kif jitlob il-Konċilju Vatikan II, din tkun azzjoni li timla l-pulmun ta' dawk li jiehdu sehem b'nifs spiritwali gdid tant li jħossuhom mibgħuta biex isejħu oħrajn ħalli jaqsmu magħhom din l-esperjenza tal-misteru sabiħ ta' Alla.

Hija xewqa tagħna l-Isqfijiet li, bħala frott ta' l-esperjenza ta' dan iċ-ċensiment, insejħu Kungress Liturġiku-Pastorali Interdjoċesan biex jagħmel dixxerniment ta' x'irid Alla mill-Knisja Lokali fiċ-ċirkustanzi attwali tagħna. Hekk, f'kontinwita' ma' l-esperjenza li ż-żewġ Djoċesijiet wettqu meta ċċelebraw is-Sinodi Djoċesani, il-Knisja f'pajjizna tkompli tippreżenta ruħha bħala "Bxara Sabiħa" lill-Poplu ta' Alla u lis-soċjeta' kollha.

**Appell**

F'Jum il-Mulej, aħna għandna s-sejħa u d-dmir li ninġabru għall-Quddiesa. Hekk nagħnu l-komunita' tal-post bix-xiehda personali tagħna, nisimgħu l-kelma tal-ħajja, u nitmantnew bl-ikel tas-sema li jibqa' għal dejjem.

Nappellaw lil kulħadd biex ilkoll kemm aħna nifhmu dejjem aħjar l-importanza tal-Quddiesa tal-Ħadd f'ħajjitna. L-esperjenza tal-Quddiesa tal-Ħadd, fejn il-qofol huwa dejjem iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, żgur tgħinna ngħixu t-twemmin Nisrani tagħna aħjar u b'mod iżjed awtentiku.

Dan l-appell nindirizzawh b'mod partikolari lill-ġenituri. Inħeġġu lill-ġenituri, speċjalment fejn l-ulied għadhom żgħar, biex imorru għall-Quddiesa tal-Ħadd flimkien u jieħdu lil uliedhom magħhom. Din l-esperjenza għandha tkun parti mill-impenn tal-ġenituri fil-qadi ta' dmirijiethom bħala l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom. Il-bniedem jissawwar skond it-trobbija li jingħata.

✠ Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
✠ Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

23 ta' Awissu 2006